# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 65**

**Rikors numru 1155/18/1 FDP**

**Joseph Zammit**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph Zammit datat 20 ta' Novembru, 2018, li permezz tiegħu ngħad:

> "*Illi dan huwa rikors bil-proċedura speċjali stabbilit mill-Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-revoka tal-konfiska.*
>
> *Illi l-esponenti kien ġie akkużat talli fit-22 ta' Awwissu, 2018 u fis-snin ta' qabel, f'diversi naħat f'Malta u/jew ġewwa Sensation's*

*Massage Parlour, Heaven's Gate Massage Parlour, Blue Moon Lounge Bar, Passion Massage Parlour u Valentine Massage Parlour, xjentement għex għal kollox u/jew parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, kif ukoll talli żamm, eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta xi parti minnhom li huma frekwentanti jew magħduda bħala li huma frekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali u talli kellu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalla jew ippermetta l-istess jiġu użati għal użu bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopjiet oħra immorali.*

*Illi nhar l-24 ta' Awissu, 2018,l-esponenti irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu [kopja tagħha annessa u mmarkata bħala DOK A] u beda jgħaddi t-terminu preskritt mil-Liġi għar-revoka tal-konfiska. Din l-azzjoni qiegħda ssir entro t-terminu stipulat.*

*Illi l-esponenti qiegħed jipprevalixxi ruħu minn dak illi jiddisponi l-artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u jagħmel dan ir-rikors ħalli jitlob ir-revoka tal-konfiska tal-mobbli u/jew immobbli hekk konfiskati stante li l-istess ma kinux profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuti fil-kummissjoni tar-reat ta' money laudering, u lanqas propjeta', akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

*Illi l-esponenti sejjer jipprova il-provenjenza leġittima tal-propjeta' ossia garaxx bla numru fit-Triq il-Karmnu, Fgura, liema garaxx jagħmel parti minn blokka bin-numru 12, fuq l-art magħrufa bħala 'Ta Rqajja Seconda'.*

*Illi din il-propjeta' ġiet akkwistata permezz tal-kuntratt ta' akkwist datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elf disgħa mija u tmienja u tmenin (1998)(sic) in atti tan-nutar Dr. Ċarmel Gafa għal prezz ta' ħmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) u ċioe' ekwivalenti għal ċirca erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu tal-ewro (€34,940,60), liema propjeta' hija soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' sebgħa liri Maltin (Lm7) u ossia sittax-il ewro u wieħed u tletin ċenteżmu tal-ewro (€16.31). Kopja tal-kuntratt ta' akkwist qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala DOK B.*

*Illi hekk kif jirriżulta mill-kuntratt tal-akkwist su espost, il-flus li ntużaw sabiex effettivament nxtrat il-propjeta' de quo kienet permezz ta' bank loan mal-bank BOV p.l.c, liema loan għamel tajjeb għall-ammont sostanzjali tal-valur tal-propjeta' supraindikata u ċioe' tnax-il elf (Lm 12,000) ġew mogħtija mill-bank fil-jum tal-kuntratt lill-venditur, filwaqt li r-rimanenti ossia l-*

*ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm 3,000) ġew imħallsa mill-esponenti.*

*Illi mid-dokumenti preżentati u mix-xhieda li ser jitressqu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, ser jiġi abbundantament pruvat illi din il-propjeta' kienet għand l-esponenti bil-wisq qabel l-allegat żmien tar-reat. Fil-fatt l-esponenti kien ilu għal diversi snin jaħdem u jistinka sabiex ikun jista' jakkwista l-propjeta' supra indikata liema propjeta' nxtrat bil-ħila tiegħu u bl-ebda mod ma kienet akkwistata jew miksuba b'xi profitt minn reat.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;*

*1. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz Triq il-Karmnu, Fgura u dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa konfiskat bis-sentenza fuq ċitata, mhuwiex profitt jew dħul mir-reat kontemplat.*

*2. Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija."*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-18 ta' Diċembru, 2018, li permezz tagħha ġie eċċepit:

*"1 Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu illi l-azzjoni attriċi hija impronobbli stante illi l-konfiska tal-propjeta' immobbli, ossia garaxx bla numru fit-Triq il-Karmnu, Fgura, favur il-Gvern ta' Malta ma saritx ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit" mogħtija fl-24 ta' Awissu 2018 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u dan għaliex l-imputazzjonijiet illi l-attur instab ħati tagħhom kienu senjatament l-Artikoli 7(1), 8(1), u 9 tal-Kap 63, u għaldaqstant fl-ebda mument ma jiġi msemmi f'tali sentenza illi l-attur instab ħati ta' reat kontemplat taħt Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabbilita' tal-Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ odjern u stante li fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit" mogħtija fl-24 ta' Awissu 2018 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ordnat il-konfiska tal-garaxx bla numru fit-Triq il-Karmnu, Fgura favur il-Gvern ta' Malta bħala*

*konfiska tal-corpus delicti ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet u li min tali konfiska ordnata minn dik il-Qorti ma jeżistix ir-rimedju pretiż mill-attur. Għaldaqstant ir-rimedju mitlub mill-attur ma jeżistix u għandu jiġi miċħud in toto. Illi huwa ċar mid-diċitura tal-Artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta li l-proċedura speċjali li għaliha jaħseb dan l-artikolu taħseb biss għall-konfiski li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-ebda waqt ma ssir referenza għall-corpus delicti, liema corpus delicti qatt ma jista' jiġi ritornat lill-persuna misjuba ħatja;*

*3. Illi preliminarjament wkoll l-esponent jeċepixxi li l-Avukat Ġenerali m'huwiex leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma jbati l-ebda spejjeż;*

*4. Illi fil-mertu, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

*5. Illi fil-mertu wkoll, l-attur ma nstabx ħati ta' reat li jikkonċerna Money Laundering u għaldaqstant il-prova li qiegħed jittenta jġib l-attur tisfa fix-xejn għaliex dik il-proċedura ma tapplikax għall-konfiska ordnata fl-24 ta' Awissu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fl-eventwalita' illi dina l-Onorabbli Qorti ma tqis illi l-ordni ta' konfiska mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs Joseph Zammit" fl-24 ta' Awissu 2018 fir-rigward tal-garaxx bla numru fit-Triq il-Karmnu, Fgura favur il-Gvern ta' Malta bħala konfiska tal-corpus delicti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrent għandu jġib prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-propjeta' u oġġetti msemmija li tagħhom qed jitlob ir-rilaxx mhix riżultat ta' profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li tiegħu r-rikorrent instab ħati jew propjeta' akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;*

*7. Bl-ispejjeż u b'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħha ġew deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti fis-sens li laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet, u għalhekk ċaħdet it-

talbiet attriċi, kif ukoll ċaħdet it-talba tal-attur għar-referenza kostituzzjonali. Bl-ispejjeż tal-proċeduri kontra l-attur.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "11. Jirriżulta illi, kif dikjarat mir-rikorrent stess fl-ewwel linja tar-rikors promotur, l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tal-Kap 373, liema Artikolu jipprovdi, fost affarijiet oħra, s-segwenti:
>
> > *"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 3(5), il-persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjetà, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*
> >
> > *(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konklussiva."*
>
> 12. Jirriżulta illi r-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni riżultat tal-fatt illi, fuq ammissjoni tiegħu, wara li nstab ħati talli għamel qligħ minn prostituzzjoni u li mexxa post għal skop ta' prostituzzjoni, ġie lilu konfiskat il-fond fejn huwa kien imexxi tali prostituzzjoni, ossija l-garaxx fi Triq il-Karmnu, Fgura.
>
> 13. Jirriżulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi l-fond ma ġiex akkwistat minn profitti jew dħul mir-reati kontemplati u għalhekk l-ordni tal-konfiska kellha tiġi revokata.
>
> 14. Jirriżulta illi, l-intimati, preliminarjament, ressqu żewġ eċċezzjonijiet illi, in sintesi, jikkontendu li l-azzjoni odjerna hija improponibbli stante illi l-fond ma ġiex ikkonfiskat ai termini tal-Att dwar Money Laundering (Kap 373), iżda ġie konfiskat bħala '*corpus delicti*' abbażi tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).
>
> 15. Jirriżulta wkoll illi, fil-mori tal-kawża, ir-rikorrent qajjem lanjanza li tista' tkun ta' indole kostituzzjonali, ossija illi f'każ illi l-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mill-intimati jiġu aċċettati, d-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-propjeta' kif sanċita' fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kien ser jiġi leż, kif ukoll illi l-piena inflitta lilu

kienet ser tkun waħda eċċessiva meta titqies l-akkuża minnu ammessa, u dana bi ksur tal-Artikolu 49(3) taċ-Charter tal-Unjoni Ewoprea tad-drittijiet tal-Bniedem, u għalhekk ir-rikorrent talab lil Qorti sabiex jinvestiga l-kweżit kostituzzjonali ta' dina l-vertenza.

16. Jirriżulta illi fil-21 ta' Novembru 2019 il-partijiet qablu illi l-Qorti kellha tippronunzja ruħha dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet kif ukoll dwar it-talba biex tiġi investigata l-kweżit Kostituzzjonali.

17. Jirriżulta illi, l-ewwel u qabel kollox, ikun opportun illi jiġi stabbilit dak illi qalet il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fl-24 ta' Awissu 2018, per Maġistrat Natasha Galea Sciberras, riżultat tal-ammissjoni tar-rikorrent, u li sussegwentement wasslet għall-konfiska illi hija l-meritu tal-kawża odjerna.

18. Jirriżulta illi, f'tali sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit, iben Joseph Mary u Concetta nee' Baldacchino, imwieled tal-Pietà nhar is-6 ta' April, 1976, residenti ġewwa Ta' San Tumas BLK 2, FL 4, Triq il-Gandoffli, Marsascala u detentur tal-karta tal-identità numru 584576(M);*
>
> *Akkużat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa Sensations Massage Parlour, Triq il-Karmnu, Fgura, Heaven's Gate Massage Parlour, Triq Birkirkara, San Ġiljan, Blue Moon Lounge Bar, Triq Birkirkara, San Ġiljan, Passion Massage Parlour, 90, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u Valentines Massage Parlour, Triq Farsons, Ħamrun fit-22 ta' Awwissu, 2018 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*
>
> *Xjentement għex għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra (Kap 63, Art 7 (1));*
>
> *U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żamm jew eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentanti jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali (Kap 63, Art 8 (1));*
>
> *U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalla jew ippermetta li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali (Kap 63, Art 9).*
>
> *Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-mori tal-kawża toħroġ Ordni ta' Imblukkar tal-propjetà tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, għall-perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont it-termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'każ ta' kundanna għal reat taħt l-Ordinanza, il-Qorti ġiet mitluba sabiex jogħġobha tħassar kull liċenzja li għandu l-ħati dwar xi lukanda, alloġġ, ħanut jew fond ieħor skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità għall-perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skont it-Termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-pieni stabbilita mill-Liġi, jogħġobha tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.*

*Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;*

*Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni <u>rtirat it-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u> u għaldaqstant il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;* (sottolinjar tal-Qorti)

***Semgħet lill-imputat jirreġistra ammisjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonferma u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;*** (sottolinjar tal-Qorti)

*Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.*

*Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tal-imputat, illi huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll in-natura tar-reat odjerni u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll illi fid-dawl tal-istess u anke tal-konsiderazzjoni magħmula mill-Qorti iżjed il fuq, <u>il-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti għal piena karċerarja effettiva</u>.* (sottolinjar tal-Qorti)

*Konklużjoni*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17(h) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija li, bl-applikażzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum u għal piena ta' multa ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450).*

*Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-Liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.*

*Ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna l-iskwalifika tal-ħati mil-liċenzja li huwa jżomm bħala substitute tal-bar "Blue Moon Lounge Bar" u tordna b'mod Ġenerali l-iskwalifika tiegħu milli jkollu jew jikseb kwalunkwe liżenzja sabiex jopera bar għal żmien sentejn mil-lum.*

*Ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 63, tħassar kull liċenzja li għandu l-ħati dwar il-ħwienet jew fondi oħra li fihom saru r-reati li dwarhom huwa qed jinstab ħati, liema ħwienet u/jew fondi jinsabu ndikati fiċ-ċitazzjoni odjerna.*

***Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9, tordna l-konfiska tal-fond bl-isem ta' "Sensations Massage Parlour" ossia l-garaxx fi Triq il-Karmnu, Fgura kif deskritt fil-kuntratt ta' bejgħ bejn John Peresso u martu Anne Peresso min-naħa l-waħda u Joseph Zammit min-naħa l-oħra, datat 28 ta' Mejju 1998, fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Gafa`, skont in-nota tal-insinwa bin-numru 8788/1998, eżebita fl-atti ta' dan il-każ, favur il-Gvern ta' Malta.*** (sottolinjar tal-Qorti)

*Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' elf, seba' mija u tnax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€1712.50) eżebiti bħala Dokumenti JS 3 u JS 4, favur il-Gvern ta' Malta.*

*Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti bħala Dokument JS 5.*

*In oltre fir-rigward tal-fond konfiskat, tordna lill-ħati sabiex jiżgombra mill-istess fond fi żmien ġimgħa mil-lum.*

*Stante li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' spejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**Konsiderazzjoni dwar l-ewwel u tieni eċċezzjonijiet**

19. Jirriżulta, mill-korp tas-sentenza kif fuq ċitata, illi l-fond ossija garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura, kien attwalment utilizzat

mir-rikorrenti bħala 'Sensations Massage Parlour', fatt illi l-istess rikorrent jonqos milli jsemmi fir-rikors promotur.

20. Jirriżulta wkoll, dejjem mill-korp tas-sentenza fuq ċitata, illi tali fond ossija garaxx bla numru fi Triq il-Karmnu, Fgura, kien attwalment konfiskat a tenur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap 9, liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> *"Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti."*

21. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-konfiska tal-fond fuq imsemmi sar, mhux bħala konfiska ta' rikavat, kif stipulat fl-Artikolu 23B tal-Kap 9, iżda bħala konfiska tal-oġġett illi intuża sabiex ikun kommess ir-reat tal-prostituzzjoni, ossija il-fond 'Sensations Massage Parlour', illi kien jopera fil-garage bla numru fi triq il-Karmnu, Fgura, li tiegħu ir-rikorrent issa qiegħed jitlob ir-rilaxx permezz ta' revoka tal-ordni tal-konfiska.

22. Jirriżulta illi, fis-sottomissjonijet tiegħu, l-abbli difensur tar-rikorrenti jikkontendi illi, a tenur tal-Artikolu 23B, sub-artikolu (1B) tal-Kap 9, d-dritt li japplika l-proċeduri speċjali stabbilita fl-Artikolu 7 tal-Kap 373 tapplika wkoll fil-każ ta' konfiska ta' corpus delicti taħt l-Artikolu 23 tal-Kap 9.

23. Jirriżulta illi l-Artikolu 23B, sub artikolu (1B), jipprovdi dan li ġej:

> *"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis b'dak il-mod illi kull referenza f'dak l-artikolu għal "l-artikolu 3(3)" għandha tiftiehem bħala* ***referenza għas-subartikolu (1A) ta' dan l-artikolu*** *u kull referenza fl-imsemmi artikolu 7 għal "ksur tal-artikolu 3" għandha tiftiehem bħala referenza għal reat rilevanti.* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)"

24. Jirriżulta illi s-sub Artikolu (1A) tal-Artikolu 23B jipprovdi dan li ġej:

> *"Kull proprjetà, li tkun tinsab sew f'Malta sew barra minn Malta, li tkun tappartjeni lil, jew li tkun tinsab fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll ta' xi persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi korp magħqud li jista' jkun responsabbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D għandha, kemm-il darba ma tinġiebx prova xort'oħra, titqies li tkun inkisbet mir-reat rilevanti u tkun tista' tiġi konfiskata mill-Qorti."*

25. Jirriżulta ċar illi, a differenza ta' dak indikat mill-abbli difensur tar-rikorrent, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 373 huwa limitat biss

għall-konfiska ta' proprjetà abbażi tal-Artikolu 23B unikament, u ma testendix għall-konfiska tal-proprjeta' bħala corpus delicti a tenur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap 9.

26. Għalhekk jirriżulta ċar illi, la darba l-azzjoni odjerna ġiet intavolata a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 373, u la darba l-konfiska ma saritx a tenur tal-Kap 373 iżda saret a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap 9, ossija konfiska tal-corpus delicti, l-eċċezzjonijet preliminari imqajjma mill-intimati għandhom validita' legali u jistħoqq illi jintlaqgħu.

**Konsiderazzjonijiet dwar talba biex jiġi kkunsidrat l-ilment kostituzzjonali.**

27. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi la darba l-punt tat-tluq tal-proċeduri odjerni huma monk, stante illi l-azzjoni qatt ma setgħet tkun proponibbli, ir-rikorrent ma jistax jipprova jsalva l-posizzjoni tiegħu billi, fl-aħħar minuta jqajjem kwistjoni ta' indole kostituzzjonali.

28. La darba l-att promotur huwa bbażat fuq presupposti improponibbli, dan ifisser illi kwalsiasi talba oħra li tista' ssir, ma tistax tiġi kkunsidrata.

29. Madanakollu, l-Qorti ma għandha ebda diffikultà tgħid illi fil-każ odjern, ma tista' teżisti assolutament ebda vjolazzjoni ta' dritt ta' propjretà tar-rikorrent, kif minnu allegat, peress illi kien huwa illi volontarjament u xjentement ikkommetta reat kriminali, reat illi kien punibbli bil-ħabs, fejn huwa del resto ma spiċċax għax ingħata sentenza sospiża, u għalhekk kien ben a korrent tar-riskji li r-reat minnu kommess kien iġib miegħu, fosthom illi l-oġġett illi bih huwa kkommetta r-reat ġie konfiskat.

30. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi jidher mill-atti illi, għalkemm l-akkuża kienet tikkontempla l-iffriżar u konfiska tal-assi kollha tiegħu, l-Prosekuzzjoni kienet aċċetat illi tirtira tali akkuża la darba r-rikorrenti ammetta u l-oġġetti tar-reat ġew konfiskati, fosthom il-fond meritu tar-rikors odjern.

31. Illi huwa ċar illi r-rikorrent, bl-azzjoni odjerna, qiegħed jipprova jġib fix-xejn l-effetti tas-sentenza mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza ingħatat kif ingħatat, del resto, riżultat ta' l-ammissjoni bikrija tiegħu, wara illi l-assi kollha tiegħu ma kienu ser jiġu konfiskati in vista tad-deċiżjoni tal-Prosekuzzjoni illi tirtira t-talba taħt l-Artikolu 23A tal-Kap 9.

32. Din il-Qorti ma tista' qatt taċċetta u tilqa' b'affermazzjoni l-argumentazzjoni mogħtija mill-abbli difensur tar-rikorrent għall-possibbilta' li tiġi konsiderata minn dina l-Qorti r-referenza kostituzzjonali fil-każ odjern, peress illi, apparti l-fatt illi jidher ċar li kien

tentattiv frivolu u vessatorju magħmul fl-aħħar mument biex tiġi salvata kawża li kellha l-bażi tagħha monka, għandu jingħad ukoll illi daqs kemm ir-rikorrent jikkontendi illi huwa għandu drittijiet, l-istess japplika wkoll għall-obbligi tiegħu illi għandu, fosthom li ma jikkommettix reat kriminali, liema obbligi huwa xjentement għażel li jikser u jivvjola bir-riżultat illi huwa instab ħati u ġie lilu konfiskat il-fond li bih kien ikkommetta r-reat.

33. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tagħmel tagħha l-kliem mirquma u skjetti magħmula mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża '**Mario Falzon vs Direttur Ġenerali (Dwana) et**' deċiża fit-23 ta' Ottubru 2014 fejn, għall-argument simili għal dak tal-abbli difensur tar-rikorrent, kellha dan xi tgħid:

> *"Biex deterrent ikun tabilħaqq effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal biex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmilha, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad. B'dan il-mod, id-deterrent iġorr minnu nnifsu element barra min-normal li r-rikorrent, f'dan il-każ tiegħu, iqisu bħala sproporzjonat. Madankollu, id-deterrent jiġi jgħodd biss jekk kemm-il darba xi ħadd jaħbat difru mal-liġi: kien ikun xort'oħra kieku s-sanzjoni tal-konfiska maħsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tgħodd ukoll għal min ma jkunx kiser il-liġi. Iżda din is-sanzjoni tgħodd biss għal min jikser il-liġi (u l-prova ta' dan trid issir minn min jallega l-ksur ta' dik il-liġi) u min jikser il-liġi qajla jista' jippretendi li jkun trattat bħallikieku l-liġi ma kisirhiex. Dan il-ħsieb jista' jintrabat mal-massima nemo ex turpitudo eius oritur jus;"*

34. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex dina l-Qorti tikkunsidra l-ilment konstituzzjonali minnu mqajjem."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Zammit, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex (i) tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi; (ii) tiddikjara li l-fond bl-indirizz Triq il-Karmnu, Fgura u dak kollu li jinsab mill-għatba 'l ġewwa konfiskat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Awwissu, 2018, mhuwiex provenjenti minn ebda dħul, profitt jew konnessjni ma' xi attivita` kriminali; (iii) konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni ta' konfiska fuq l-istess assi fuq imsemmija.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, li permezz tagħha wieġbu li, l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Lulju, 2020, fl-ismijiet premessi għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

7. Rat ir-rikors ippreżentat fil-mori tal-appell mill-appellant Joseph Zammit, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirreferi l-vertenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta Malta u tal-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dik il-Qorti: (I) Taqta' u tiddeċiedi jekk l-aġir tal-appellati huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 37 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1, fl-Artikolu 14 u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea Għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tal-Artikolu 49(3), 48 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; (II) kif ukoll li tagħti dawk id-direttivi kollha relevanti u opportuni.

8. Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali, li permezz tagħha talbu lil din il-Qorti tastjeni milli tiddeċiedi r-rikors in risposta peress li t-talba hemm magħmula hija formanti parti mid-

deċiżjoni tal-ewwel Qorti, liema deċiżjoni hija *sub judice* u li għandha tiġi deċiża finalment minn din il-Qorti, dan taħt kull konsiderazzjoni u provvediment xierqa li din il-Qorti tħoss li huma awspikabbli fiċ-ċirkostanzi.

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw kemm l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, kif ukoll ir-rikors li ġie ppreżentat fil-mori tal-appell.

10. Rat d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

11. Dan il-każ jittratta proċeduri mressqa mill-attur sabiex tiġi revokata ordni ta' konfiska ta' mmobbli fuq il-garaxx bla numru, fi Triq il-Karmnu, Fgura, liema garaxx jagħmel parti minn blokka bin-numru 12, u dan wara li huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Dawn l-imputazzjonijiet kienu li l-akkużat, f'diversi naħat f'Malta, kif elenkat fir-rikors promotur, xjentement għex għal kollox u/jew parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, kif ukoll żamm, eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell, jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew magħduda bħala li huma frekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet

immorali u talli kellu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalla jew ippermetta l-istess jiġu użati għal użu bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra. Fir-rikors promotur, l-appellant isejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 7 tal-Kap. 373 (Att kontra *Money Laundering*) , billi talab ir-revoka tal-konfiska tal-mobbli u/jew immobbli hekk ikkonfiskati, peress li jsostni li l-istess ma kenux profitti jew dħul minn ksur tal-Artikolu 3 tal-istess liġi, jew b'xi mod ieħor involuti fil-kommissjoni tar-reat ta' *money laundering,* u lanqas proprjeta` akkwistata jew maħsuba, direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dak.

12. Illi l-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet, fosthom dawk preliminari li (a) l-azzjoni attriċi hija mproponibbli peress li l-konfiska tal-proprjeta` mmobbli ma saritx ghall-finijiet tal-Artikolu 3(5) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-imputazzjonijiet li l-attur instab ħati tagħhom kienu l-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kap. 63 (Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni) u fl-ebda stadju tas-sentenza ma jissemma li l-attur instab ħati ta' xi reat kontemplat taħt il-Kap. 373; u (b) l-inapplikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 373, peress li fil-każ odjern, is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ordnat il-konfiska tal-garaxx in kwistjoni bħala konfiska tal-*corpus delicti* skont l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 (Kodiċi Kriminali) u li minn tali konfiska ma jeżistix ir-rimedju pretiż mill-attur.

13. Wara li l-partijiet iddikjaraw li m’għandhomx provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, għajr għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati esebita in atti, waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2019, quddiem l-ewwel Qorti, ġie verbalizzat illi:

> *“Dr Azzopardi għar-rikorrent irrileva illi mill-eċċezzjonijiet 1 u 2 mressqa 'l quddiem mill-konvenuti jiskatta fil-fehma tar-rikorrenti vjolazzjoni tad- drittijiet tiegħu fl-eventwalita' illi dawn l-eċċezzjonijiet jiġu milqugħa. Dana fis-sens illi jkun qed jiġi vjolat id-dritt tar-rikorrent a tenur tal-Artiklu 49 (3) tal-EU Charter of Fundamental Rights kif ukoll tal-Artiklu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil din il-Qorti sabiex l-istadju tad-deċiżjoni tagħha in konnessjoni mal-eċċezzjonijiet numru 1 u 2, din il-Qorti tiddeċiedi il-lanjanza hawn sollevata mir-rikorrenti.*
>
> *Dr De Gabriele għall-konvenut joġġezzjona għal din it-talba u dan stante illi talba sabiex il-Qorti Ċivili tikkonverti ruħha f'Qorti Kostituzzjonali ma ssirx in limine litis imma fi stadju fejn tinqala' kwistjoni jew allegatament ta' ksur tad-dritt fundamentali jew taċ-Charter. F'din il-kawża l-attur kien ben konsapevoli li huwa ma kellux ir-rimedju kontemplat taħt il-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament l-Artiklu 3 (5) tal-istess Kap. Li għaldaqstant, din ma kenitx kwistjoni li tqajmet matul il-proceduri fil-mori tal-kawża.”*

14. Wara li l-partijiet ressqu n-noti ta’ sottomissjonijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u dwar il-kwistjoni kostituzzjonali, l-Qorti għaddiet għas-sentenza li permezz tagħha filwaqt li ċaħdet it-talba sabiex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali mqajjem mill-attur, laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

15. L-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-attur jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali: (A) Dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-*Money Laundering* u (B) Dwar il-Lanjanza Kostituzzjonali.

16. Fl-ewwel aggravju tiegħu, l-attur jisħaq li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti tal-Artikolu 23B tal-Kap. 9 f'paragrafi 25 u 26 tas-sentenza appellata, fis-sens li ladarba l-konfiska ma saritx a tenur tal-Kap. 373, iżda saret a tenur tal-Kap. 9 (konfiska tal-*corpus delicti*) l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti huma validi u jistħoqqilhom li jintlaqgħu. Huwa jisħaq li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 7 tal-Kap. 373 mhix applikabbli biss fil-każijiet fejn il-persuna tkun instabet ħatja ta' reat ta' ħasil ta' flus skont l-Artikolu 3 tal-Kap. 373, iżda bis-saħħa tal-Artikolu 23B(1B) tal-Kap 9, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 7 tal-Kap. 373, saret applikabbli għal kull persuna li tkun ġiet instabet ħatja ta' reat relevanti. Mentri "*reat relevanti*" skont l-Artikolu 23A tal-Kap. 9 huwa reat li ma jkunx wieħed ta' natura nvolontarja, ħlief għad-delitt taħt l-Ordinanza jew taħt l-Att li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni ta' aktar minn sena. Kwindi hekk kif l-attur instab ħati ta' reat relevanti, isostni li l-Artikolu 7 tal-Kap. 373 sar applikabbli għall-każ odjern permezz tal-Artikolu 23B(1B) tal-Kap. 9. Jilmenta li l-ewwel Qorti ħolqot distinzjoni bejn assi li jkunu konfiskati bħala rikavat, a tenur tal-Artikolu 23B tal-Kap. 9 u proprjeta` kkonfiskata bħala *corpus delicti* fit-

termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9, meta l-liġi ma toħloqx tali distinzjoni, tant li l-Artikolu 23B(1A) tal-Kap.9 juża l-kliem "*kull proprjeta`*" mingħajr distinzjoni bejn proprjeta` li tikkostitwixxi *corpus delicti* u proprjeta` li tikkostitwixxi rikavat.

17. Jibda billi jingħad li, kif ġustament osservat mill-appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, s-sentenza tal-24 ta' Awwissu, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) v. Joseph Zammit,** li permezz tagħha l-attur, imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nstab ħati fuq reati relatati mal-Artikoli 7(1), 8(1) u 9 tal-Kap. 63 li jitrattaw piena għal min jgħix minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, piena għall-eżerċizzju ta' briedel, u piena għall-użu ta' ħanut/fond għal skop ta' prostituzzjoni u mhux dwar xi reat relatat mal-ħasil tal-flus kif maħsub fil-Kap. 373. Dan peress ukoll li, kif innutat mill-ewwel Qorti, l-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Awwissu, 2018, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba oriġinarjament imressqa mill-Pulizija ghall-finijiet tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9, li ġiet irtirata. L-iżball tal-attur appellant kien dak li meta nieda l-proċeduri odjerni, bbaża t-talba tiegħu għar-revoka tal-ordni ta' konfiska fuq l-Artikolu 7 tal-Kap. 373, li jipprovdi għal proċediment speċjali fejn l-ordni tal-konfiska tkun saret taħt l-Artikolu 3(5) u persuna misjuba ħatja u kull persuna li jkollha interess tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li l-proprjeta` hekk ikkonfiskata ma tkunx profitt jew dħul minn ksur tal-Artikolu 3, jew

dwar xi reat ieħor ta’ ħasil tal-flus u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta’ xi profitti jew dħul bħal dawk.

18. Il-fehma ta’ din il-Qorti hija msaħħa ulterjorment mill-fatt li, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellant, il-liġi tagħmel distinzjoni bejn ordni ta’ konfiska magħmula taħt l-Artikolu 23 u ordni ta’ konfiska taħt l-Artikolu 3(5)(a) tal-Kap. 373, tant li f’dan l-aħħar imsemmi provvediment tal-liġi jingħad: “*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, l-qorti għandha, b’żieda ma’ kull piena li għaliha tista’ tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta’ reat ta’ money laundering taħt dan l-Att...tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta’ dik il-proprjeta` li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta’ dak ir-rikavat... jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta’ xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel...sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta’ money laundering u tkun soġġetta għal konfiska...”.* Filwaqt li s-sub-inċiż (b) tal-istess subartikolu jipprovdi għall-konfiska tar-rikavat u s-sub-inċiż (ċ) jipprovdi ghall-konfiska ta’ proprjeta` miksuba minn attivita` kriminali, dejjem b’rabta mar-reat ta’ ħasil ta’ flus. Għalhekk, permezz ta’ dan il-provvediment tal-liġi, l-leġislatur mar lil hinn mill-konfiska tal-*corpus deliciti,* iżda pprovda wkoll għall-konfiska tar-rikavat jew proprjeta` miksuba permezz tar-rikavat.

19. Kwindi altru li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn konfiska li ssir bis-saħħa tal-Kap. 373 (li hija marbuta mal-konfiska tar-rikavat kif maħsub fl-Artikolu 23B tal-Kap. 9), u dik li ssir bis-saħħa tal-Kap. 9 (konfiska tal-*corpus delicti*). Hekk ukoll, meta fl-Artikolu 23A tal-Kap. 9, li jipprovdi għall-imblukkar tal-proprjeta` ta' min ikun akkużat, tingħata tifsira ta' "*reat relevanti*", din tingħata f'kuntest partikolari, dak marbut mal-Att kontra l-*Money Laundering* u mal-Ordinanza, kif imfisser fl-istess provvediment tal-liġi u mhux għal kwalunkwe reat ieħor, kif jittanta jgħid l-attur appellant. Isegwi li l-prinċipju legali ta' *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit* ma japplikax kif jippretendi l-appellant, fis-sens li minn imkien ma jirriżulta li l-proċedura taħt l-Artikolu 7 tal-Kap. 323, tista' tiġi applikata wkoll għal proprjeta` konfiskata bħala *corpus delicti* skont l-Artikolu 23 tal-Kap. 9.

20. Għalkemm huwa minnu li meta l-provvediment tal-liġi fl-Artikolu 23(B)(1A) tal-Kap.9 jirreferi għall-konfiska ta' *"kull proprjeta`"*, din tista' tinkludi kemm proprjeta` użata bħala *corpus delicti,* kif ukoll proprjeta` akkwistata bir-rikavat tar-reat, jibqa' l-fatt li f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9. Kwindi fil-każ in eżami, l-Qorti tal-Maġistrati ġustament ordnat konfiska tal-*corpus delicti* limitatament skont l-Artikolu 23 tal-Kap. 9, li f'dan il-każ kien il-garaxx li ntuża sabiex twettaq ir-reat li l-attur kien akkużat bih u ammettih, peress li r-reat ġie kkonsmat fl-imsemmi fond bħala reat ta' qligħ minn fuq il-prostituzzjoni u użu ta' ħanut jew fond għal qligħ minn

prostituzzjoni u mhux bis-saħħa tal-Artikolu 23B (1A) jew (1B) tal-Kap. 9 bħala konfiska tar-rikavat. Isegwi li din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mill-appellant, peress li l-argument imressaq minnu ma jsib l-ebda applikazzjoni la fil-fatti tal-każ in eżami u lanqas fil-kuntest tal-liġi. Kwindi għamlet sew l-ewwel Qorti li laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fis-sens li l-kawża kif imressqa mill-attur hija waħda improponibbli u li l-provvediment tal-liġi li fuqu jsejjes l-azzjoni tiegħu l-attur huwa inapplikabbli għall-każ in eżami. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li dan l-ewwel aggravju tal-appellant jimmerita li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

21. Jiġi nnutat ukoll li għalkemm l-attur appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jisħaq li huwa rnexxielu jipprova l-provenjenza tal-proprjeta` in kwistjoni bħala waħda leġittima, peress li ġiet akkwistata permezz ta' kuntratt ta' akkwist tat-28 ta' Mejju, 1998, in kwantu l-imsemmi akkwist seħħ permezz ta' self minn bank lokali li għamel tajjeb għal ammont sostanzjali tal-valur tal-proprjeta`, hija l-fehma ta' din il-Qorti li tali stqarrija hija rrilevanti għall-materja (peress illi l-fond innifsu intuza ghall-skopijiet illegali), u pjuttost prematura. Dan jingħad peress li għalkemm ġie esebit in atti l-kuntratt ta' self u akkwist, ma tressqu l-ebda provi fil-mertu, kunsidrat li kienu qegħdin jiġu trattati biss l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u għalhekk ma jitqiesx xieraq li din il-Qorti tinoltra ruħha

ulterjorment f'dan l-aspett tal-ewwel aggravju u mhux ser tidħol fil-mertu tiegħu.

22. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant, dak dwar il-lanjanza kostituzzjonali fejn huwa jsostni li f'każ li l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuti jintlaqgħu, ser ikun hemm leżjoni tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta` kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Hekk ukoll, il-piena nflitta fuqu kienet waħda eċċessiva, meta titqies l-akkuża minnu ammessa u dan bi ksur tal-Artikolu 49(3) tac-Charter tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk huwa talab lill-ewwel Qorti sabiex hija stess tinvestiga l-kweżit kostituzzjonali ta' din il-vertenza. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' dan l-ilment, tant li stqarret li ġaldarba l-punt tat-tluq tal-proċeduri odjerni huma monki, peress li l-azzjoni kif imressqa qatt ma setgħet tkun proponibbli, l-attur ma jistax isalva l-azzjoni tiegħu billi fl-aħħar minuta jqajjem kwistjoni ta' natura kostituzzjonali. Iżda huwa ried li l-ewwel Qorti tikkonverti ruħha sabiex ikollha l-kompetenza meħtieġa li tinvestiga u tiddetermina l-lanjanza kostituzzjonali tagħha qabel tgħaddi sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tiegħu fir-rikors promotur. Kwindi jsostni li, minkejja li l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li l-Artikolu 7 tal-Kap. 373 mhux applikabbli fil-każ in eżami, xorta setgħet tieħu konjizzjoni tal-ilment kostituzzjonali

tiegħu b'mod separat u distint mit-talbiet oriġinali tiegħu. Għalkemm l-appellant huwa konsapevoli tal-fatt li din il-Qorti ma tistax tikkonverti ruħha f'sede kostituzzjonali, iżda jikkontendi li jekk din il-Qorti tiddeċiedi li tilqa' dan l-aggravju, hija tista' tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex fil-vesti kostituzzjonali tagħha tinvesti l-vertenza kostituzzjonali sollevata minnu qabel tagħti ġudizzju fuq ir-rikors promotur imressaq minnu.

23. Illi għandu jingħad mal-ewwel, illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju tal-appellant. Dan peress li, kif ġustament osservat mill-ewwel Qorti, jekk il-proċeduri mressqa minnu huma proċeduralment monki, dawn ma jistgħux jiġu salvati b'manuvri li jingħataw bixra kostituzzjonali. Wara kollox, kif jirriżulta mill-verbal hawn qabel ċitat, kien l-istess difensur tal-appellant li rabat l-ilment kostituzzjonali mal-fatt li skatta, hekk kif ingħataw l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari (ara paragrafu 13). Għalkemm din il-Qorti ma taqbilx mal-appellati meta jingħad minnhom li l-ilment tal-appellant tqajjem fi stadju bikri tal-kawża, peress li kif ingħad drabi oħra, il-kwistjoni ta' referenza kostituzzjonali tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, min-naħa l-oħra jibqa' l-fatt li huwa meħtieġ li meta kwistjoni bħal din tkun imressqa quddiem il-Qorti, trid tkun waħda li ma titqiesx sempliċement fiergħa u vessatorja u trid tkun waħda "*materjalment u intrinsikament konnessa*" mal-mertu tal-kawża li tkun miexja u qiegħda tinstema' minn dik il-Qorti. (Ara sentenza tal-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Mejju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet **Mario Falzon v. Direttur Ġenerali (Dwana)**.)

24. L-argument tal-appellant f'dan it-tieni aggravju, huwa mill-aktar inkongruwu peress li jekk kemm-il darba il-ksur tad-dritt fondamentali kien diġa` seħħ, qabel ma ntavola l-proċeduri odjerni, meta l-appellant isostni li l-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet waħda eċċessiva, allura ma kienx hemm lok għal referenza kostituzzjonali, iżda huwa ritenut li jew kellu jsir appell minn dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jew kellu jsir rikors normali ghal rimedju kostituzzjonali; iżda ċertament ma jistax jingħad li l-ksur tad-drittijiet tiegħu kien ser jiskatta billi jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-fatt li ntlaqgħu l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti jfisser li ma jistax jintlaqa' l-ilment kostituzzjonali mqanqal mill-appellant fil-proċeduri odjerni, iżda jekk l-appellant hekk jidhirlu xieraq, huwa għandu jressaq l-ilmenti kostituzzjonali tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti u mhux bħala ħsieb li ġie wara, sabiex jittanta jsalva l-proċeduri odjerni. Kien f'dan l-isfond, li l-ewwel Qorti rriteniet t-talba tal-appellant għal referenza kostituzzjonali bħala frivola u vessatorja, in kwantu "*magħmul(a) fl-aħħar mument biex tiġi salvata kawża li kellha l-bażi tagħha monka*". Isegwi li dan it-tieni aggravju huwa wkoll bla bażi.

25. Illi fir-rigward tar-rikors li ġie ppreżentat fil-mori tal-appell fejn din il-Qorti tintalab li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) dwar jekk l-aġir tal-intimati huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif hemm imfissra, l-attur isejjes it-talba tiegħu fuq żewġ binarji:

(i) Il-konfiska tal-fond in kwistjoni seħħet bis-saħħa tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri konfiska tal-*corpus delicti* wara li huwa ġie misjub ħati in segwitu għall-ammissjoni tiegħu stess. Iżda jilmenta li mentri fil-każ ta' persuni ħatja ta' reati ta' traffikar ta' droga u ta' ħasil ta' flus skont il-Kapitoli 31, 101 u 373 għandhom dritt li jirrikorru għall-proċedura speċjali kontemplata fl-istess liġijiet, sabiex jieħdu lura l-oġġetti lilhom ikkonfiskati permezz ta' sentenza tal-Qorti, persuni oħra misjuba ħatja ta' reati li ma joħorġux minn dawn il-liġijiet m'għandhomx l-istess dritt u għalhekk huwa qiegħed jiġi diskriminat għaliex m'għandux id-dritt li jitlob tali proċedura speċjali;

u (ii) Filwaqt li l-intimati u l-Qrati għandu jkollhom l-għodod kollha sabiex jiġġieldu l-kriminalita` dawn m'għandux ikollhom poteri sabiex joħonqu d-drittijiet fundamentali tiegħu, fosthom dak għad-dritt ta' tgawdija paċifika ta' ħwejġu kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

apparti li l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jipprovdi li kull piena jew kastig impost fuqu għandu jkun proporzjonat mal-allegat reat kommess minnu u huwa qiegħed proprju jikkontesta l-konfiska minnu subita permezz tal-proċeduri odjerni, peress li kunsidrati l-fatturi kollha tal-każ, huwa ma jqisx il-piena totali li tinkludi l-konfiska tal-proprjeta` bħala piena proporzjonata. Għalhekk jeħtieġ li jiġi determinat jekk l-aġir tal-appellati kienx proporzjonat u oġġettivament ġustifikat skont ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċitata minnu.

26. Kwindi l-appellant permezz ta' dan l-aħħar rikors talab lil din il-Qorti sabiex tirreferi l-vertenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dik il-Qorti:

> "*1. Taqta' u tiddeċiedi jekk l-aġir tal-appellati huwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti fl-Artikolu 37 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1, fl-Artikolu 14 u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea Għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tal-Artikolu 49(3), 48 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*
>
> *2. Tagħti dawk id-direttivi kollha relevanti u opportuni."*

27. Għandu jingħad li tabilħaqq din il-Qorti taqbel ma' dak li jingħad mill-appellati fir-risposta tagħhom għall-imsemmi rikors li huwa mill-aktar anomalu li filwaqt li l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jikkontesta d-

deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tikkunsidra l-ilmenti kostituzzjonali minnu sollevati u jitlob lil din il-Qorti tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex wara li tikkonverti ruħha f'sede kostituzzjonali u tiddetermina hi l-lanjanza kostituzzjonali u dan bħala parti mit-tieni aggravju tiegħu fil-konfront tas-sentenza appellata, issa qiegħed iressaq rikors ieħor fejn għal darb'oħra jitlob referenza kostituzzjonali (meta huwa aktar simili għal rikors kostituzzjonali veru u proprju). Min-naħa l-oħra, jiġi nnutat ukoll li, filwaqt li quddiem l-ewwel Qorti l-lanjanzi tal-attur kienu msejsa fuq l-Artikolu 49(3) tal-EU Charter of Fundamental Rights u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, f'dan l-aħħar rikors żdiedu bil-bosta l-provvedimenti tal-liġi nvokati mill-appellant sabiex jittanta jikkonvinċi lil din il-Qorti dwar il-validita` tat-talba tiegħu. Tentattiv ieħor tal-appellant sabiex minflok jidħol mill-bieb, tabilħaqq jidħol mit-tieqa.

28. Madankollu jibqgħu validi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti magħmula taħt it-tieni aggravju u ma tqisx xieraq li din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dawn l-ilmenti kostituzzjonali fil-proċeduri odjerni, li jitqiesu li huma proċeduralment zoppi, b'dan illi jitħalla bla mittiefes il-jedd tal-appellant li jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex il-kwistjoni tiġi mistħarrġa u deċiża skont il-liġi. Għalhekk din il-Qorti ser tiċħad it-talba fir-rikors imressaq fil-mori tal-appell, sabiex issir referenza kostituzzjonali

minn din il-Qorti, iżda tastjeni milli tidħol fil-mertu tal-ilmenti kostituzzjonali hemm esposti.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur, Joseph Zammit, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da